# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa b'urġenza Numru 31

30 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' għal din il-laqgħa b'urgenza b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19. Din il-laqgħa bdiet fis-2.22 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 31**

31.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
31.2 Approvazzjoni tal-offerti pendenti.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresida l-laqgħa li bdiet fis-1.40p.m. b'talba.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

31.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 31.2 Approvazzjoni tal-offerti pendenti

31.2.1 Is-Sindku qal li kellu jsejjaħ din il-laqgħa b'urġenza, kif kien spjega fil-laqgħa preċedenti, biex il-Kunsill ikun jista jibda bil-proġett tal-Pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal li kien hemm diversi offerti miftuħa u ssa l-bordijiet għamlu xogħolhom u għandna r-rapporti. Fir-rigward tal-proġett tal-Pjazza fl-aħħar laqgħa ġiet spjegata l-irħas offerta. L-offerent irid jgħamel upload tal-*compliance certificates* fis-sistema tal-ePPS, jiprovdi *Performance Guarantee*, jiprovdi *Insurance*, jiprovdi update programm of works, japplika u jġib il-permessi meħtieġa minn Transport Malta, jgħati update tal-health and safety plan biex wara dan kollu l-Kunsill jsejjaħ laqgħa oħra ma l-entitajiet bħal WSC, EneMalta, Go p.l.c, Melita Ltd u Epic. Is-Sindku qal biex wara l-Kunsill ikun jista jgħati l-*commencement notice* biex il-Kuntrattur permezz tal-kuntratt ikun jista jibda x-xogħol. Is-Sindku qal li hu ferm importanti li nżommu mat-time frames kif dejjem qabel il-Kunsill. Is-Sindku qal li trid issir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet flimkien mall-Kunsill u l-Kuntrattur.

31.2.2 Is-Sindku għadda għar-rapport tal-evalwazzjoni tal-bord għal offerta SNTLC 07/2021 *Tender for the Service of an Archaeological Monitor* fejn għal din l-offerta kien hemm żewġ offerenti. Il-Bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni qed jirrakkomanda l-irħas offerent. Iż-żewġ offerenti kienu *technical compliant*. Il-Kunsill qabel li din l-offerta tingħata lil irħas offerent kif kien irrakomandat mill-bord.

31.2.3 Fis-1.48 p.m. is-Sindku ddikjara konflit ta' interess u ħareġ mill-laqgħa peress li kien hemm offerent li dan kien jiġi minnhu u ħalla kollox f'idejn il-Viċi Sindku.

31.2.4 Il-Viċi Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jaqra r-rapport tal-evalwazzjoni u tal-aġġudikazzjoni tal-offerta SNTLC 08/2021 *Tender for the provsion of Engineering Consultancy Services in Relation to Projects undertaken by Ta' Sannat Local Council*. Għal din l-offerta kien hemm 3 offerenti li kienu kollha *technically compliant* skond il-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni fejn qed jirrakkomanda l-irħas offerent. Il-Kunsill preżenti qabel li din l-offerta tingħata lil irħas offerent kif kien irrakomandat mill-Bord.

31.2.5 Il-Viċi Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex jaqra ir-rapport tal-evalwazzjoni u tal-aġġudikazzjoni tal-offerta SNTLC 11/2021 Service – *Tender for Project Management Services (Pjazza Santa Margerita Embellishment).* Għal din l-offerta kien hemm 5 offerenti li kienu kollha technically compliant u li waħda mill-offerti waqgħet peress li dan ġie mitlub jibgħat kjarifiki u dan naqqas milli jgħamel dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport tal-Bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni fejn qed jirrakkomanda l-irħas offerent. Il-Kunsill preżenti qabel li din l-offerta tingħata lil irħas offerent kif kien irrakomandat mill-bord.

31.2.6 Fis-1.56 p.m. is-Segretarju Eżekuttiv talab biex is-Sindku jerġa jingħaqad f'kollegament mall-laqgħa.

31.2.7 Is-Sindku qal li ssa rridu ngħaddu għal proċess li jmiss u naraw jekk ikunx hemm appelli.

32.2.3 Din il-laqgħa spiċċat fis-1.58 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Ottubru 2021

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |